**19 ta' Mejju, 1995**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Onorevoli Dr. Philip Muscat

*versus*

Victor Camilleri *et*

## Inġurja - Tibdil Fundamentali fil-Ġurisprudenza

*Mhux biss minn meta nkiteb l-artikolu in kwistjoni jew ġiet istitwita din il-kawża anke minn meta ngħatat is-sentenza issa meritu ta' dan l-appell, sar tibdil fundamentali fil-ġurisprudenza ta' din l-Qorti in materja ta' inġurja in kwantu din tkun diretta lejn l-awtoritajiet speċjalment dawk governattivi, u dana sabiex kemm il-liġi kif ukoll id-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati jkunu konformi mal-ħsieb u deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja għad-drittijiet tal-bniedem in materja ta' liberta' ta' espressjoni u l-liberta' tal-istampa.*

*Dan il-kambjament radikali sar kemm fil-kamp penali kif ukoll fil-kamp ċivili.*

*In suċċint illum ir-regola hija li min qiegħed jokkupa kariga pubblika u għandu funzjoni pubblika, f'demokrazija, huwa tenur li jirrikonoxxi kritika anke ħarxa ta' l-operat tiegħu.*

*Ħafna mis-setnenzi ta' dawn il-Qrati tas-snin li għaddew kieku kellhom jiġu deċiżi mill-ġdid illum fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza ċertament ma kinux jiġu deċiżi kif effettivament ġew.*

Il-Qorti:-

Is-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla deċiża fit-8 ta' Jannar, 1993 li minnha sar dan l-appell hija hekk:

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fis-16 ta' Mejju, 1983 li bih l-attur - premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut Victor Camilleri bħala editur u l-konvenut Paul Spiteri bħala stampatur tal-gazzetta "In.... Tagħna", permezz ta' l-artikolu "Diżastru u Skandlu" mxandar fil-ħames paġna tal-ħarġa tal-ġurnal "In-Tagħna" tal-4 ta' Marzu, 1983 numru 4035, kif ukoll permezz ta' *poster* ta' l-istess ġurnal "Diżastru fl-iskejjel tal-Gvern" ippubblikat fl-istess ġurnata, li kopja tagħhom huma hawn annessi u markata Dokument "A" u "B" u taw malafama lill-istanti, billi attribwewlu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu u li jesponuh għar-redikolu u għad-disprezz tal-pubbliku;

Premess illi l-istanti bħala parti offiża għandu dritt għad-danni kkontemplati fil-liġi ta' l-istampa (Att XL ta' l-1974);

Talab għalhekk l-attur li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

Tiddikjara illi l-konvenuti taw malafama lill-istanti bl-istampat fuq imsemmi, li għandu l-iskop illi jtellef jew inaqqas l-istima tiegħu; u

Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-istanti dik is-somma li dina l-Qorti tiddetermina f'ammont li ma jeċċedix elfejn lira Maltija, bħala danni u riparazzjoni ta' l-inġurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija;

Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li għandhom jidhru għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fis-6 ta' Ġunju, 1983 li biha eċċepew:

Illi l-eċċipjenti ma taw l-ebda malafama lill-attur, iżda biss wettqu d-dmir tagħhom u ppubblikaw kritika tat-tmexxija ta' l-edukazzjoni pubblika f'pajjiżna;

Illi l-eċċipjenti ma kkaġunaw għalhekk l-ebda dannu lill-attur;

Illi l-attur ma jistax jaġixxi bħala Ministru għad-danni li jrid li jitħallsu lilu personalment

B'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esibiti;

Rat l-atti kollha proċesswali;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża tirrigwarda allegazzjoni ta' libell da parti ta' l-attur li l-lanjanza tiegħu hija marbuta kemm ma' l-artikolu li deher fil-gazzetta esibita mal-proċess kif ukoll dwar il-*poster* ta' l-istess ġurnal li deher fl-istess ġurnata li deher l-artikolu in kwistjoni;

*Omissis*;

Dwar l-ewwel eċċezzjoni din il-Qorti tinnota illi hemm differenza fundamentali bejn dak illi ġie espress minn *shadow minister* partikolari waqt Konferenza Stampa u dak illi sussegwentement jidher bħala editorjal f'gazzetta. Ma hemm l-ebda

skużanti fil-liġi ta' l-istampa a favur ta' min jippubblika kitba illi jgħid illi ħadet l-ispirazzjoni tagħha minn kummenti, leġittimi kemm huma leġittimi, li saru minn ħaddieħor;

L-editur jassumi r-responsabbilta` għal dak kollu illi jidher fil-gazzetta tiegħu anke jekk l-awtur tal-kitba jew id-diskors hu magħruf u anke kieku kellha titmexxa azzjoni kontra l-awtur separatament;

Dan huwa paċifiku u jirriżulta minn diversi kawżi tal-Qrati tagħna fosthom is-sentenzi ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Dottor Louis Galea kontra Felix Agius** deċiża fis-7 ta' Novembru, 1985 u fil-kawża **Professur Edwin Grech kontra Anthony Mallia** ***et*** deċiża fis-6 ta' Frar, 1985 u l-prinċipji applikabbli in mansjoni kriminali huma f'dan il-każ applikabbli anke quddiem il-Qrati Ċivili;

Li għandu jiġi deċiż huwa jekk dak illi ppubblikaw l-konvenuti, kinitx kritika ġustifikata b'mod illi l-qarrej normali tal-gazzetta kien jara din bħala kritika leġittima jew jekk din il-kritika toltrepassax, fil-moħħ ta' l-istess qarrej, il-limiti u allura twassal għal esposizzjoni ta' l-attur, li dak iż-żmien kien Ministru, għal ċertu element ta' malafama;

Il-Qorti trid tara kif l-*average reader* fehem dak li ppubblikat il-gazzetta. Hemm sensiela twila ħafna ta' sentenzi tal-Qrati tagħna illi dejjem sostnew illi dan huwa t-test finali. Kawżi bħal **Hedley kontra Tabone** deċiża fit-30 ta' Mejju, 1953, **Mintoff** ***vs*** **Schembri** deċiża fis-7 ta' Frar, 1953 fejn il-Qorti kienet qalet "biex wieħed jara jekk l-artikolu jkunx jew le libelluż, għandu jikkonsidra kif jifhmu *a reasonable fair minded man* u fuq l-iskorta ta' Lord Justice

Scott fil-kawża **Holdwort Limited u Associated Newspapers Limited** ta' l-1937, il-Qorti kompliet tgħid: *The typcial readers for the court to have in mind are the reasonable man, of normal intelligence, possessed of degree of knowledge of current circumstances*";

Dan it-test intuża wkoll fil-kawża **Sultana kontra Stellini** deċiża fil-31 ta' Mejju, 1958 u fil-kawża **Desira Buttigieg kontra Cossai** fejn intqal hekk: "Verament mhux importanti li wieħed jara x'kellhom f'rashom il-kwerelati meta l-artikolu in kwistjoni ġie miktub u stampat, imma l-importanti huwa li wieħed jara x'jifhem iċ-ċittadin ordinarju, ta' intelliġenza normali, meta jaqra l-artikolu in kwistjoni";

Hemm diversi kawżi oħra illi ġew deċiżi fuq l-istess bażi foshtom **Kalċidon Agius kontra Anthony Montanaro** deċiża fis-27 ta' Ġunju, 1959 **Debrincat kontra Caruana** deċiża fil-15 ta' Ġunju, 1957 li kollha kienu Appelli Kriminali;

Fil-kamp ċivili, imbagħad, hemm l-istess test applikat fil-kawżi **Mintoff kontra Bianco** Appell Ċivili, 14.8.68; **Dottor Carmelo Caruana kontra Joseph Vella** *et*, 29.1.85 (Prim'Awla); **Joseph Grixti kontra Carmelo Micallef**, Appell Ċivili deċiż fil-25 ta' Jannar, 1984. Il-Qorti ta' l-Appell (Ċivili) fil-kawża fl-ismijiet **Onorevoli Dottor G. Cassar kontra Dr. Joseph Muscat** deċiża fit-22 ta' Lulju, 1985 qalet hekk: "illi wieħed mill-aktar prinċipji fundamentali in materja ta' inġurja bl-istampa hija illi dak li jkun intenda l-awtur tal-kitba inkriminata hu normalment fattur estraneju u dan għaliex dak li hu importanti hu dak li jkun ġie miktub u kif dan jinftiehem minn persuna ta' intelliġenza ordinarja. F'dan ir-rigward wieħed jista' jara wkoll l-awturi ingliżi Odjers *Libel and*

*Slander*, paġna 93 u Fraser *The Law of Libel and Slander* paġna 10;

Il-Qorti tiġi issa għall-eżami ta' dak illi jifhem il-qarrej ordinarju meta jaqra l-artikolu in kwistjoni u meta jara l-*poster* in kwistjoni;

*Omissis*;

Dina l-Qorti tasal għal risposta posittiva ta' dan il-kweżit billi l-artikolu in kwistjoni huwa iebes, jallega motivi preċiżi u determinanti fil-konfront partikolarment ta' l-attur u ġenerikament tal-Partit li tiegħu huwa jifforma parti u ma hemm l-ebda dubbju f'moħħ il-qarrej ordinarju dwar dak illi kien qed jiġi allegat mill-artikolu in kwisjtoni;

F'dawn iċ-ċirkostanzi il-Qorti tara illi t-talbiet attriċi huma ġustifikati;

Il-Qorti għalhekk tilqa' t-talbiet tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti li jħallsu lill-attur l-ammont ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400) bħala danni lilu kkaġunati kif fuq ingħad;

Spejjeż jitħallsu mill-konvenuti";

Rat in-nota ta' l-Appell u l-Petizzjoni ta' l-Appell tal-konvenuti Camilleri u Spiteri, li permezz tagħha talbu li din il-Qorti joġgħobha tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-Appell;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Illi din il-Qorti effettivament għandha żewġ konsiderazzjonijiet prinċipali x'tagħmel f'din is-sentenza;

Fl-ewwel lok jiġi osservat illi mhux biss minn meta nkiteb l-artikolu in kwistjoni, ċjoe` l-editorjal in kwistjoni, jew ġiet istitwita din il-kawża, iżda anke minn meta ngħatat is-sentenza issa meritu ta' dan l-appell, sar tibdil fundamentali fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti in materja ta' inġurja in kwantu din tkun diretta lejn l-awtoritajiet speċjalment dawk governattivi, u dana sabiex kemm il-liġi kif ukoll id-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati jkunu konformi mal-ħsieb u deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja għad-drittijiet tal-bniedem in materja ta' liberta` ta' espressjoni u l-liberta` ta' l-istampa. Dan il-kambjament radikali sar kemm fil-kamp penali kif ukoll fil-kamp ċivili. Din il-Qorti tagħmel biss referenza għas-sentenza tagħha stess in re **Anglu Fenech** ***pro et nomine vs*** **Carmelo Callus** tal-4 ta' Frar, 1994 u dik ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede Inferjuri) in re **Il-Pulizija kontra l-Onorabbli Dr. Guido Demarco** deċiża fis-27 ta' Lulju, 1994 fit-tnejn dawn il-Qrati segwew it-triq murija mill-Qorti Ewropeja fil-Lingens Case sa mill-1986;

In succint illum ir-regola hija li min qiegħed jokkupa kariga pubblika u għandu funzjoni pubblika, f'demokrazija, huwa tenut li jirrikonoxxi kritika anke ħarxa ta' l-operat tiegħu. Ħafna mis-sentenzi ta' dawn il-Qrati tas-snin li għaddew kieku kellhom jiġu

deċiżi mill-ġdid illum fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, ċertament ma kinux jiġu deċiżi kif effettivament ġew. Partikolarment fis-sentenzi li din il-Qorti għadha kemm għamlet referenza għalihom hemm ċitata l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li tindika sa' liema estremita` hija ammessa kritika ħarxa f'soċjeta` demkoratika mingħajr ma min jagħmilha jinkorri fil-penalitajiet li altrimenti huma riservati għall-każijiet ta' inġurja permezz ta' l-istampa kif ukoll mod ieħor;

Dana qed jingħad, l-ewwel u qabel kollox, għax ċertament għandu effett kumulattiv fuq il-meritu ta' din il-kawża, għaliex il-kriterju li illum din il-Qorti trid tiddeċidi dan l-appell fuqu bilfors irid ikun skond il-ġurisprudenza li ssemmiet u in konformita` mad-direzzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropeja ta' Strasbourg;

Anke kwantu jirrigwarda pero` l-meritu proprju ta' dan l-appell, li kieku ma kienx hemm il-kambjament radikali fil-ġurisprudenza tagħna, din il-Qorti tara li dan kien ikun *border line case*, għaliex effettivament aktar milli kritika diretta lil Ministru ta' l-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, l-appellat odjern, kienet kritika diretta lejn il-Gvern u s-sistema edukattiva, li fil-fehma ta' din il-Qorti kienet tidħol fil-parametri ta' dak illi għandu jkun tollerat f'soċjeta` demokratika. Infatti fil-fehma ġenerali ta' din il-Qorti, f'dan il-każ partikolari, hija li l-appellant ma kellux għalfejn jieħu għalih u jħossu inġurjat bl-artikolu inkriminat anke jekk l-editorjal jattribwixxi r-responsabbilta` għad-disastru u skandlu fl-edukazzjoni lilu bħala Ministru ta' l-Edukazzjoni in partikolari. Kif ingħad din il-Qorti tħoss illi f'soċjeta` demokratika tali kritika kellha tiġi injorata bħala waħda normali u aċċettabbli f'sistema bħal tagħna, kemm kif kienet dakinhar u kif ukoll kif inhi llum;

Pero', kif ingħad, is-sentenza ta' l-ewwel Qorti ser tiġi revokata iktar milli ħaġa oħra, minħabba l-kambjament tal-ġurisprudenza li kien hemm nel frattemp li hija inqas volatili mill-apprezzament l-ieħor li għadu kif issemma u għalhekk se jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad it-talbiet attriċi. L-ispejjeż, kemm tal-Prim'Istanza kif ukoll ta' dan l-Appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.